# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 9 ta' Jannar, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**
**vs**
**Brenda Farrugia**

**Drogi Numru: 39/2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Brenda Farrugia u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 181481(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Marzu, 2018 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data kellha fil-pussess taghha raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstemgha minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentment pruvata.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali kwazi netta taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u fil-waqt li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar**.

In oltre qed tordna **d-distruzzjoni tal-oggetti esebieti bhala Dok JG3** mill-ufficjal prosekutur; dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u dwar il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**